



Introduzzjoni għall- Ftehim ta' Sħubija Ekonomika UE-Ġappun

Is-sikurezza alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti ("SPS")

B'liema mod il-ftehim se jiddefendi l-istandards tas-sikurezza alimentari fl-UE?

Bħall-UE, il-Ġappun għandu wħud mill-ogħla standards ta' sikurezza alimentari fid-dinja. Pereżempju l-Ġappun ma jippermettix l-użu ta' ormoni ta' tkabbir fil-produzzjoni tal-laħam taċ-ċanga tiegħu, u r-regolamenti li jikkontrollaw l-OĠM huma ta' importanza kbira għall-konsumaturi Ġappuniżi.

Bħal ftehimiet kummerċjali oħra tal-UE, il-ftehim kummerċjali UE-Ġappun bl-ebda mod ma ser jaffettwa l-livelli Ewropej ta' protezzjoni għas-sikurezza alimentari jew għas-saħħa tal-annimali u l-pjanti.



Dan ifisser li l-prodotti kollha impurtati mill-Ġappun jeħtieġ li jikkonformaw mal-istandards tal-UE. Dan jinkludi l-projbizzjoni tal-UE fuq laħam taċ-ċanga trattat b'ormoni jew ir-regoli tagħha dwar l-użu tal-antibijotiċi.

Barra minn hekk, l-importazzjonijiet kollha ta' prodotti tal-annimali fl-UE mill-Ġappun xorta għandhom jiġu akkumpanjati minn ċertifikat veterinarju, bħal kif isir illum. Hija biss l-awtorità kompetenti fil-Ġappun, rikonoxxuta formalment mill-Kummissjoni li kapaċi tiċċertifika l-konformità mal-ftigijiet ta' importazzjoni tal-UE, li tista' toħroġ tali ċertifikat.

Il-ftehim huwa wkoll f'konformità sħiħa mar-regolamenti eżistenti dwar is-sikurezza alimentari u leġiżlazzjoni oħra li fiha huwa mħaddan ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni.

Il-prinċipju jippermetti lill-UE li tieħu azzjoni preventiva fil-każ ta' riskji possibbli għall-persuni jew għall-ambjent, fejn l-evidenza tkun inċerta.

Il-ftehim jirreferi għal miżuri "Sanitarji u Fitosanitarji (SPS)"? Dawn x'inhuma u għaliex huma importanti?

Dawn huma miżuri (eż. liġijiet, regolamenti, standards) bl-għan li tiġi żgurata s-sikurezza alimentari u s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti.


Dawn jiżguraw li l-prodotti tal-ikel li jitqiegħdu fis-suq, inklużi l-importazzjonijiet minn barra l-UE, ikunu siguri għall-konsumaturi.



X'jagħmel ir-regolament b'rabta mal-miżuri SPS?

Il-kapitlu tal-SPS għandu l-għan li jgħin lill-esportaturi ta' parti waħda jaċċessaw is-suq tal-parti l-oħra billi jimpenja liż-żewġ naħat biex:

- itejbu t-trasparenza dwar id-dispożizzjonijiet SPS rispettivi tagħhom
- jiskambjaw informazzjoni dwar il-liġijiet u r-regolamenti relatati mal-SPS u li jaffettwaw il-kummerċ.



Fil-kapitlu, iż-żewġ naħat jaqblu li:

- jaffermaw mill-ġdid id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-ftehim SPS tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)

- jagħrfu l-kunċetti ta' xulxin f'konformità mal-istandards internazzjonali għall-kontroll tal-mard tal-annimali u jidentifikaw l-istatus ta' saħħa tal-annimali u l-pjanti.
- jagħrfu r-reġjonalizzazzjoni bħala bażi biex jiġi ddeterminat jekk jitħallew isiru importazzjonijiet minn żoni ħielsa mill-mard; ir-reġjonalizzazzjoni hija għodda użata sabiex jiġi kkontrollat il-mard u/jew iżżomm il-kummerċ sikur billi tillimita l-kummerċ minn żoni affettwati mill-mard, filwaqt li tevita t-tfixkil fi prodotti minn żoni mhux affettwati.

Dawn l-impenji jibbenefikaw minnhom esportaturi agroalimentari Ewropej billi jgħinu biex jiżguraw li l-prodotti tagħhom ma jiġux ostakolati milli jidħlu fis-suq Ġappuniż minn ostakoli kummerċjali tal-SPS mhux ġustifikati.

Il-kapitlu jinkludi wkoll mekkaniżmi biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-approvazzjoni tal-importazzjonijiet tal-ikel mill-UE lejn il-Ġappun. Dan għandu jqassar il-ħin li jieħu l-Ġappun biex jagħti approvazzjonijiet bħal dawn.

Il-Ġappun u l-UE qablu wkoll li jstabbilixxu kumitat konġunt kif ukoll mezzi oħra ta' komunikazzjoni, sabiex jittrattaw il-kwistjonijiet tal-SPS minnufih.